**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 11 ta' Jannar 2022**

Rikors Numru: 363/21 AL

A B C

vs

D C

(MR Number 1943/1996)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi l-esponenti żżewġet lill-intimat nhar il-ħamsa w għoxrin (25) t' Ottubru tas-sena elf disa' mija sitta u disgħin (1996) (Dok A);

2. Illi miż-żwieġ tal-partijiet twieldu erbat itfal u li illum-il ġurnata huma tlieta huma maġġorenni u m'għadhomx jistudjaw full-time u ż-żgħir E għandu erbatax (14)-il sena u għadu jistudja full time;

3. Illi l-partijiet kienu sseparaw legalment b' kuntratt ippublikat min-Nutar Dr. William Azzopardi datat ħamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħdax (2011) (Dok. B);

4. Illi l-esponenti qegħda tippreżenta wkoll l-affidavit tagħha li qiegħed jiġi ppreżentat bħala Dok Ċ.

5. Illi l-partijiet ilhom jgħixu separatament minn xulxin minn dak iż-żmien tal-kuntratt u qatt ma reġgħu rrikonċiljaw.

6. Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

7. Illi huma m'għandhomx assi komuni bejniethom;

8. Illi ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment;

9. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Qorti , javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tal-14 ta' Settembru, 2021;

Semghet lill-intimat prezenti fl-Awla jwieġeb li m'għandu l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-5 ta' Lulju, 2011;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.